# L-Istampa f'Malta

*Ta'* Ġużè' Gatt

*(Jissokta man-Nru. ta' Settembru, 1948, faċċ. 91)*

## VIII

### Kotba li fil-frontispizju tagħhom iġibu li huma stampati f'Malta, filwaqt li dan mhux tassew.

BHALMA rajna fis-VII Taqsima, wara li ntemmet l-Istamperija li Pompew de Fiore waqqaf fi gżiritna fl-1642, ġie żmien li f'Malta ma kien hawn ebda oħra, qabel ma l-Gran Mastru Pinto daħħal tiegħu fl-1756. B'danakollu, b'inkejja tas-sewwa kollu li għarrafna, jinsabu xi kotba li fil-frontispizju tagħhom iġibu li huma stampati hawn, ma' tul iż-żmien li semmejna, meta artna kienet battala u niexfa qoxqox minn kull ħjiel u għamla ta' stamperija.

X'uħud minn dawn il-kotba ma jġibux fihom għajr l-isem ta' "Malta" biss, fil-waqt li oħrajn igħaddu iżjed 'il quddiem, billi, bil-wiċċ sfiq kollu tagħhom, iżidu jgħidu wkoll, li huma stampati fl-Istamperija li l-Gran Mastru kellu hawn fi gżiritna.

Ma għandniex xi ngħidu, l-għamla ta' kotba li semmejna juru ħaġa b'oħra fid-dieher. Iżda, ladarba dawn għoġobhom li, fl-istampar tagħhom, ideffsu u jxandru l-isem ta' artna fihom, jixraq li, qabel ma ngħaddu biex nissuktaw nitkellmu mill-Istamperija tas-Sultan Pinto, insemmu u ngħidu min kienu dawn il-ħarriefa.

Fl-1722, Gran Mastru ta' Malta, laħaq Fra Anton Manoel Vilhena. Dan, mill-ewwel ħa ħsieb jaħtar biex jiġbru, jagħżlu u jdommu dawk il-Liġijiet, Prammatki u Bandi li ħarġu ma' tul iż-żmien tal-Gran Mastri ta' qablu, u li kellhom jibqgħu jiswew, sabiex igħaqqduhom flimkien u jistampawhom fi ktieb għalihom, biex jaqdu bħala Liġijiet ta' Malta.

Malli dawn theijew minn kollox, is-Sultan Manoel qabbad lir-riċevitur tiegħu li kellu f'Napli, jismu Fra Ettore Marulli, biex jieħu ħsieb jistampahomlu hemm.

F'ittra li kitiblu għarrfu biex dan ix-xogħol jagħtih jaħdmu lill-istampatur Pawlu Petrini, u minnu ried li jagħmillu 250 kopja. Iżda jekk dan ma jistax jistampah ix-xogħol igħaddih lil Galandri Benvenuto. Imbagħad, kemm-il darba anqas it-tipi ta' dan ma

jinqalgħu għalhekk, halla f'idejh li jagħżel stampatur ieħor hu, u jagħtih lilu (1).

Il-Liġijiet tal-Vilhena raw id-dawl mill-istampa fl-1724. Fil-frontispizju, barra l-isem tiegħu, iġib hekk: "In Malta, M.DCC. XXIV. Nella Stamperia di Sua Altezza Serenissima, di Giovanni Andrea Benvenuto".

Mela, għalkemm il-ktieb bil-Liġijiet tal-Vilhena jġib li hu stampat f'Malta, ma jgħidx is-sewwa, billi, bħalma wrejna, kien stampat f'Napli, għand Ġalandri Benvenuto.

Dan it-taħwid u tagħwiġ tas-sewwa, li dari kien jintgħamel fil-frontispizju tal-kotba, ma tħalliex isir mill-Gran Mastri bil-fehma li jagħti x'juri li l-Ordni f'Malta kellu stamperija kbira u ta' saħħa bil-kif. Min jaħseb hekk, jitqarraq qatigħ. Ara kemm hu hekk. X'kien jiswa li wieħed irid igħaddi b'hekk man-nies, meta, nibdew minn gżiritna, hawn kienu aktar milli jafu li dan mhu tassew xejn li xejn? Terġa', barra minn Malta, kienu jafu wkoll, li, Ġalandri Benvenuto, dak li stampa l-Liġijiet tal-Vilhena, ma hu stampatur ebda mkien ieħor, għajr f'Napli biss. Għalhekk irridu naħsbu li l-Gran Mastri, bl-Ordni magħhom, ma kienx ta' ġieh għalihom li jaqgħu għaċ-ċajt, fi ħwejjeġ bħal dawn, li juru ħaġa b'oħra fid-dieher, la mal-kotra, la mal-ħafna u anqas mal-ftit.

Mela, minn dan li għedna nieħdu li dan it-taħwid fil-frontispizju ma kien isir bla ebda ħsieb ta' xejn minn l-ebda naħa — la mill-istampatur u anqas mill-kittieb. Biss, f'dil-ħaġa, kull-hadd kien ħieles jagħżel il-post li jogħġbu, biex igħid fejn hu stampat il-ktieb tiegħu. U b'hekk imexxu d-dgħajsa mad-drawwa ta' dak iż-żmien.

Wara l-Liġijiet tal-Vilhena, deħru kotba oħrajn li l-frontispizju tagħhom ma jgħidx is-sewwa, billi jġibu li huma stampat f'Malta, "Nella Stamperia di Sua Altezza". L-eqdem fost-hom huma żewġ kotba żgħar. Iżda, għalkemm wieħed għandu s-sena ta' l-1735 u l-ieħor tal-1736, tista' tgħid mhumiex għajr ħaġa waħda. Biss, ma jaqblux bejniethom, fis-sena li fihom, bħalma wrejna, u fl-ittra li hemm fid-daħla tagħhom. Mill-bqija, it-tifħir lil-Gran Mastru Vilhena li hemm f'wieħed, issibu fl-ieħor ukoll, midmum u nsawwar bi kliem xorta waħda fit-tnejn.

(1) Ark. ta' l-Ordni, Vol. 1485.

L-isem ta' dawn iż-żewġ kotba hu dan: "La Virtù in Gara per innalzare la Statua Immortale di S.A.E. Fr. D. Antonio Manoel de Vilhena... Dedicata dal Com. Fr. Carlo Agostino Barbante, Capitano della Città".

Dawna l-kantati, jew serenati, dedikati lill-Gran Mastru ta' l-Ordni, kienu jsiru ta' kull sena, aktarx fl-aħħar jiem ta' April, fil-Misraħ ta' quddiem il-Palazz.

Meta daħlet sewwa dina d-drawwa fi Gżiritna, ma nafux. Il-Prof. V. Laurenza, li kiteb dwarha fl-"Archivium Melitense", Vol. II, pag. 196, taħt l-isem ta "Calendimaggio Settecentesco a Malta", l-ewwel waħda li jsemmi fil-kitba tiegħu hija dik li saret fl-1724.

Għal dawn is-serenati, aktarx li kienu jieħdu sehem fihom l-artisti tat-teatru.

Ukoll kantata oħra li kellha ssir fl-1741, iġġib li hi stampata: "In Malta, nella Stamperia di Sua Altezza". L-isem tagħha hu: "La Virtù Trionfante... Dedicata a S.A.S. Fr. Em. Pinto dal Com. Fra Casimiro Conte di Waltbot Capitano della Città. Poesia d'Ufranio Vasantino da Ormepla. Musica del Rev. D. Michel Angelo Vella."

Iżda, jekk il-kantati li semmejna jġibu f'liema Stamperija kienu mitbugħa, Almanakk bil-Franċiż li feġġ fl-1741, ma jsemmi xejn, għajr: "A Malte. Avec Priu de Superieur". Dan ħareġ bl-isem ta' "Etat Curieux et militaire de l'Ordre de Malte pour l'annèe 1741. Utile a chaque Langue. Dédié a S.A.E. Monseigneur le Grand Maître Despuig." Kien ta' 72 paġna, ta' daqs żgħir, u jagħti ħafna tagħrif dwar Malta.

Fl-1742, il-Konti Galanton Ciantar kiteb "Proteo Vaticinante, Serenata da Cantarsi in Malta. l'ultimo giorno d'Aprile nello anno 1742. Dedicata a S.A.E. Fra D. Emmanuel Pinto......"

Dil-kantata tgħid li hi stampata "In Malta, nella Stamperia di S.A. 1742." Hekk ukoll iġġib kantata oħra li l-imsemmi Ciantar kiteb għaxar snin wara, taħt l-isem ta' "Serenata da cantarsi in Malta l'ultimo d'Aprile dell'anno 1752. In Malta, nella Piazza di Palazzo".

Għalkemm iż-żewġ kantati li semmejna jġibu li huma stampati f'Malta, fit-2ni Vol. tal-"Malta Illustrata", faċċ. 594-5, hemm tagħrif fejn juri li dawn kienu stampati f'Katanja. Għalhekk hawn irridu nerġgħu ntennu u ngħidu, li t-taħwid li dari

kien isir fil-frontispizju tal-kotba ma ntagħmilx biex in-nies tit-qarraq u taħseb li l-Ordni f'Malta kellu Stamperija kbira tiegħu, fiż-żmien li minn dan kollu ma kien jikseb xejn li xejn. Ara kemm hekk. Li kieku l-Ordni ried jagħti lil min jaħseb hekk, ma kien iħalli qatt li jinġieb fil-"Malta Illustrata" li semmejna—ktieb li kien stampat fl-Istamperija stess tal-Gran Mastru — li dawk il-kantati stampawhom f'Katanja, wara li kienu mgħoddija bħala li huma stampati f'Malta. Għax jiġi li, b'dana t-tagħrif, l-Ordni kien jitfa' l-ġebla fuq sieqU, u b'hekk jinżamm bħala qarrieqi — ħaġa li ma hi ta' xejn ġieh għalih. U hawn jis-sokta jitwettaq dak li għedna iżjed lura, jiġifieri li, it-taħwid fil-frontispizju, kien biss isir bħala drawwa ta' dak iż-żmien bla ebda ħsieb ieħor ta' xejn.

Fl-1748, ħafna rsiera li kienu fuq ix-xini tal-Baxa ta' Rodi, qamu għal sidhom, ħatfu x-xini taħt idejhom, u baqgħu ġejjin bih lejn Malta. Biex jingħata tagħrif dwar din il-ġrajja, ħareġ ktieb żgħir bl-isem ta' "Dettaglio della sollevazione e fuga della galera del Bassà comandante di Rodi e isole adiacenti, seguita nella fonda di Magra dell'Anatolia ed arrivata felicemente in Malta il dì 2 febbraio 1748. Malta, 5 febbraio 1748 (2).

Dal-ktieb ġibnieh ma' dawk li jgħidu li huma stampati fi Gżiritna, għax, għalkemm ma jfisserx sewwa l-post fejn hu stampat, bħalma wieħed jista' jaħseb li l-kliem li jġib ta' "Malta, 5 febbraio, 1748", huwa biex juri meta nkiteb, daqs-hekk ieħor ukoll jista' jittieħed li hu stampat f'Malta.

Fl-1750, il-Patri Ġiżwita Malti, Nazju Theuma, stampa ktieb bil-Latin dwar il-Bolla Kruċjata, li b'kollox fih 156 paġna. Dal-ktieb kien dedikat lill-Gran Mastru Pinto. U fil-fron-tispizju tiegħu jġib "Melitae, anno Jubilej. Typis Eminentiss. Principis (3).

Tabilħaqq, dal-ktieb fil-paġ. VIII tiegħu jġib li għadda miċ-ċensura tal-Proposta Provinċjali tal-Ġiżwiti f'Messina, Marju Perremuto. Iżda, b'hekk biss wieħed ma jistax igħid il-post fejn kien mitbugħ. Ara kemm hu hekk. Għalkemm il-ktieb isemmi li għadda miċ-ċensura f'Messina, ma hux stampat f'dil-belt. Mill-

(2) E. Rossi, Aggiunta alla "Bibliographie de l'Ordre de St. Jean...", ta' De Helwald, faċċ. 27.

(3) Schembri, Selva di Autori e Traduttori Maltese, faċċ. 71.

kotba tal-"Bolla Kruċjata", jidher li kien stampat f'Palermo (4). In-nefqa kollha li swiet dan il-ktieb, tħallset mill-Ordni, mid-Dipartiment tal-Bolla Kruċjata.

Mal-kotba tal-għamla li qed insemmu jinsab ieħor bil-Latin, li għalkemm juri li ħareġ fl-1754, ma jistax ikun li stampawh f'din is-sena. Dan il-ktieb żgħir, ta' 36 pagna, iġib l-armi ta' x'uħud mill-Gran Mastri u ta' xi Kavalieri, b'dak li għamlu u meta mietu. Il-kittieb tiegħu hu P.A. De Vignier.

Tassew li fil-frontispizju jġib "Melitae. Anno Domini M.DCC.LIV", iżda fl-aħħar tiegħu nsibu msemmi wkoll lill-Baliju Fr. Jac. Francesco De Chambray, fejn jingħad li dan miet hawn Malta, fit-8 ta' April, 1756, meta kellu 70 sena.

Mela, ladarba dan il-ktieb jasal li jsemmi wkoll is-sena tal-1756, ma setax jkun qatt minnu li deher fl-1754. Għalhekk ikoll-na naħsbu li l-ħtija ta' dan kollu huwa biss għelt ta' l-istampa, billi tħawdulu l-aħħar żewġ numri rumani. Irridu nifissru ruħna li dawn inqalbu u ġew IV (erba'), flok VI (sitta). U b'hekk tnissel l-għelt li għedna.

L-aħħar wieħed li ħareġ mis-sensiela ta' kotba tal-għamla li qed insemmu, deher taħt l-isem ta' "Serenata da doversi cantare a dì 30 aprile 1756. In Malta, nella Gran Piazza del Palazzo. In Malta, 1756. Nella Stamperia di Sua Altezza Eminentissima."

Kienet dedikata lill-Gran Mastru Pinto, mill-Kmandatur F. Bernardino de Marbeuf, Logutenent tal-Venerandu Gran Teżorier u Kaptan tal-Belt. Il-poeżija tagħha miktuba minn Ġannikol Muscat, Lawrjat fil-Filosofija. U l-mużika mir-Rev. Fra Ġużepp Sammartin, Maestro di Kappella tal-Knisja l-kbira Konventwali ta' San Ġwann.

Għalkemm dal-ktieb żgħir ħareġ fl-1756, is-sena li fiha daħlet l-Istampa fi Gżiritna, ma kienx stampat f'Malta, għax kienet drawwa li dawn is-Serenati jistampawhom xi żmien qabel, biex jilqu jitqassmu fl-idejn għal dak in-nhar li jsiru. U billi din kellha tintagħmel f'April, xahar li fih l-Istamperija ta' l-Ordni kienet għad ma bdietx taħdem, ma setgħux jistampawh hawn. Terġa', jissokta jwettaq dan li għedna mhux biss għax ma jinsabx

(4) Ark. ta' l-Ordni, Libro Maestro B, taħt il-jum 30 ta' Ottubru, 1750, u Vol. 1887, faċċ. 180.

imnizżel fil-kòtba ta' l-Istamperija ta' l-Ordni, imma wkoll għax iġib, fil-frontispizju tiegħu, li hu ħareġ mill-Istamperija ta' S.A. Eminentissima, fil-waqt li dawk il-kotba li bdew joħorġu minn hawn Malta, kollha jġibu li kienu joħorġu mill-Istamperija ta' S.A.S. Irridu nfissru ruħna, li flok "Eminentissima", kienu jġibu 'Serenissima'" (5).

Dawn li semmejna kienu l-kotba kollha li ġew f'idejna bil-frontispizju tagħhom li juri ħaġa b'oħra. Tabilħaqq, din l-għamla ta' kotba ftit li xejn ma għandha x'taqsam ma' l-Istampa f'Malta; iżda, ladarba dawn fettlilhom iġibu u jdeffsu isem Artna fihom, dehrilna li hu xieraq li wieħed jagħti ġabra wkoll ta' dawk il-kotba kollha li jsemmu lill-Gżiritna fil-batal.

*(Jissokta)*